# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' April, 2002.**

**Kawza Numru: 8**

**Citaz. Nru. 178/01GV**

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**John A. Sullivan**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf mija u tlieta u erbghin liri Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm1,143.69) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu mghoti lill-konvenut mis-socjeta' attrici skond il-fattura hawn annessa markat Dokument A;

Premess illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1. Taqta u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u tlieta u erbghin liri Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm1,143.69) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Gunju 2000 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjrazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**